## GUDIKATUR: DR. PHILIP MANDUCA LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Settembru 2001

**Avviz. Nru. 1170/00 PM**

**Maltacom plc**

**Vs**

**V & C Contractors Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi presentat fl-4 ta' Awissu 2000 fejn is-societa attrici tablet li s-societa konvenuta thallas Lm104.65 rappresentanti hsarat li ikkaguna l-konvenut fuq *cables* tas-socjeta' attrici.

Ra id-dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici (kont mibghut lis-socjeta' konvenuta)

Ra l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa t-talba attrici hi preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-socjeta' konvenuta eccepiet ukoll li t-talbiet attrici huma infondati ghaliex fix-xoghol taghha is-socjeta' konvenuta mxiet skond is-sengha u l-arti.

Ra li fl-1 ta' Gunju 2001 xehed Vincent Borg u fl-istess seduta l-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni "f'liema seduta l-kawza tigi differita ghas-sentenza dwar l-istess eccezzjoni".

Sema x-xhieda ta' Vincent Borg

Ra li fl-istess jum il-kawza baqghet differita ghal provi kollha tal-partijiet ghall-15 ta' Gunju 2001 "f'liema seduta il-kawza tigi mhollija ghas-sentenza".

Ra li fil-15 ta' Gunju 2001 dehru r-rappresentanti tal-partijiet u qablu li l-kawza tigi differita ghal-decizjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi skond l-avviz d-danni gew kagunati fl-14 ta' Lulju 1998. Illi l-avviz gie ppresentat fl-4 ta' Awissu 2000 u ghalhekk iktar minn sentejn wara li gew kagunati d-danni. Illi ghalhekk l-azzjoni attrici hi preskritta skond l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

**Dr Philip Manduca**

**Gudikatur**